

DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**tad-29 ta' Novembru 2010****dwar l-approvazzjoni tal-volum ta' ħruġ ta' muniti fl-2011****(BĊE/2010/25)****(2010/751/UE)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

(miljuni f'EUR)

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 128(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/416/UE tat-13 ta' Lulju 2010 skont l-Artikolu 140(2) tat-Trattat dwar l-adozzjoni tal-euro mill-Estonja fl-1 ta' Jannar 2011 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 1 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu d-dritt esklussiv mill-1 ta' Jannar 1999, biex japprova l-volum ta' muniti maħruġin mill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.
- (2) Id-deroga favur l-Estonja msemmija fl-Artikolu 4 tal-Att tal-Adeżjoni tal-2003 hija abrogata b'effett mill-1 ta' Jannar 2011.
- (3) Is-16-il Stat Membru li l-munita tagħhom hija l-euro u l-Estonja ppreżentaw lill-BĊE għall-approvazzjoni tiegħu l-istimi tagħhom tal-volum ta' muniti euro li għandhom jinħarġu fl-2011, flimkien ma' noti ta' spjega dwar il-metodoloġija tat-tbassir,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1***Approvazzjoni tal-volum ta' muniti euro li għandhom jinħarġu fl-2011**

Il-BĊE b'dan japprova l-volum ta' muniti euro li għandhom jinħarġu mill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro fl-2011 kif deskritt fit-tabella li ġejja:

	Il-ħruġ ta' muniti intiżi għaċ-ċirkolazzjoni u l-ħruġ ta' muniti għall-kollekturi (mhux intiżi għaċ-ċirkolazzjoni) fl-2011
Belġju	178,3
Il-Ġermanja	629
L-Estonja	48,4
L-Irlanda	44,4
Il-Greċja	54,5
Spanja	180
Franza	300
L-Italja	262,4
Ċipru	15,6
Il-Lussemburgu	30
Malta	6,8
Il-Pajjiżi l-Baxxi	64
L-Awstrija	277
Il-Portugall	30
Is-Slovenja	36
Is-Slovakkja	42,2
Il-Finlandja	60

*Artikolu 2***Dispożizzjoni finali**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro u l-Estonja.

Magħmul fi Frankfurt am Main, id-29 ta' Novembru 2010.

Il-President tal-BĊE
Jean-Claude TRICHET

⁽¹⁾ ĠU L 196, 28.7.2010, p. 24.